MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1027/2010

**L-Avukat Dottor Katja Psaila Savona (detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 459571 M) fil-kwalita' taghha ta' mandatarja specjali tal-kaptan Ruslan Zaynigabdinov, residenti Vladivostok, Russja**

**vs**

**Lyubov Orlova Shipping Co. Limited (C 27219)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Katja Psaila Savona fil-kwalita` taghha ta' mandatarja specjali tal-kaptan Ruslan Zaynigabdinov fejn gie premess:-

Illi permezz tal-kuntratt ta' impjieg ta' nhar id-19 ta' Marzu, 2009, kopja ta' liema giet annessa u mmarkata bhala

“Dokument KPS1”, il-mandanti ta’ l-esponenti cioe’ l-kaptan Ruslan Zaynigabdinov gie mpjegat bhala bahri mill-kumpanija konvenuta fuq il-vapur bl-isem “Lyubov Orlova”, proprjeta` tal-kumpanija konvenuta.

Illi sussegwentament l-impjieg tal-mandanti tal-esponenti mal-kumpanija konvenuta gie terminat minghajr ebda raguni valida u huwa ma thallasx minghand il-kumpanija konvenuta l-paga kollha dovuta lilu u l-kumpanija konvenuta lanqas hadet hsieb l-manteniment u r-ritorn tieghu kif hija obbligata bil-ligi.

Illi l-paga illi ma thallsitx lill-mandanti ta’ l-esponenti flimkien ma’ l-ispejjez inkorsi minnu ghal transport u ghar-ritorn jammontaw ghal sbatax-il elf mija u dsatax-il dollaru Amerikan ($17,119.13) ekwivalenti ghas-somma ta’ tnax-il elf mitejn u erbgha u disghin euro u ghaxar centezmi (€12,294.10).

Illi ghalhekk l-kumpanija konvenuta hija debitrici, fost affarijiet ohra, tal-mandanti tal-esponenti fl-ammont ta’ tnax-il elf mitejn u erbgha u disghin euro u ghaxar centezmi (€ 12,294.10).

Illi apparti dan l-ammont, il-kumpanija konvenuta hija debitrici tal-mandanti ta-esponenti f’ammont ulterjuri dovut mill-kumpanija konvenuta lill-mandanti tal-esponenti ai termini tal-artikolu 131 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta’ Malta) rapprezentanti l-paga dovuta lill-mandanti ta’ l-esponenti sakemm tigi definittivament rizolta l-kwistjoni bejn il-kontendenti.

Illi ghalkemm interpellata biex thallas dawn l-ammonti, il-kumpanija konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi dawn il-fatti l-esponenti tafhom personalment.

Ghalhekk l-attrici nomine, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, qed titlob li jigi ddikjarat li l-kumpanija konvenuta hija debitrici tal-mandanti ta’ l-esponenti (l-kaptan Ruslan Zaynigabdinov) f’arretrati ta’

paga dovuti lilu, manteniment, spejjez ghat-trasport u ghar-ritorn tieghu u paga dovuta sakemm il-kwistjoni bejn il-kontendenti tigi rizolta u dana kemm skond il-kuntratt ta' nhar id-19 ta' Marzu, 2009 kif ukoll skond il-ligi; li jigi likwidat l-ammont hekk dovut mill-kumpanija konvenuta lill-mandanti ta' l-esponenti u li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-mandanti tal-esponenti s-somma kumplessiva hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-prezenti, u dawk tal-mandati ta' sekwestru u inibizzjoni ipprezentati kontestwalment u ta' kull att jew mandat iehor u bl-interessi kummercjali kontra l-kumpanija konvenuta illi r-rapprezentanti, azzjonisti u diretturi taghha huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-attur tas-17 ta' Ottubru 2011 li biha l-istess attur assuma personalment l-atti tal-kawza stante li huwa kien jinsab hawn Malta.

Rat in-nota tal-attur ukoll tas-17 ta' Ottubru 2011 fejn l-attur indika l-ammont allegatament dovut lilu bhala supplement tal-pagament skond l-artikolu 131 tal-Kap.234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat lill-attur.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' konvenuta, nonostante li tirrizulta debitament notfikata, naqset milli tidher u naqset ukoll li tippresenta l-eccezzjoniiet taghha. Kwindi s-socjeta' konvenuta ghandha titqies li hi kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## Konsiderazzjonijiet ta’ fatt

Ir-rikorrenti l-kaptan Rulslan Zaynigabdinov beda l-impjieg bħala baħri mal-kumpanija konvenuta fuq il-vapur Lyubov Orlova, proprjetà tal-istess soċjetà konvenuta, fid-19 ta’ Marzu 2009 u dana b’kuntratt ta’ impieg tal-istess data (fol.6). Ir-rikorrent jallega li l-impjieg tiegħu ġie terminat bla ebda raġuni valida u ghalhekk qed jitlob li s-soċjetà konvenuta tigi kkundannata thallsu l-paga kollha li għadha ma tħallsitx lilu kif ukoll l-ispejjeż tat-trasport u tar-ritorn tiegħu, li skond ir-rikorrenti jammontaw għas-somma ta’ sbatax-il elf, mija u dsatax-il dollaru Amerikan ekwivalenti ghal tnax-il elf, mitejn u erbgħa u disgħin euro u għaxar ċenteżmi (€12294.10). Inoltre r-rikorrent jippretendi li s-socjeta’ konvenuta hija debitriċi tieghu f’ammont dovut ai termini tal-artikolu 131 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantli, u liema ammont jirrappresenta l-paga dovuta lilu mis-soċjetà konvenuta, sakemm tiġi riżolta din il-kwistjoni. Ir-rikorrenti ppresenta nota li fiha indika l-ammont allegatament dovut bħala suppliment tal-paga skond l-imsemmi artikolu 131 tal-Kap 234. F’dan ir-rigward ir-rikorrent jippretendi li dan l-ammont ulterjuri jammonta għas-salarju ta’ ħamest elef dollaru Amerikan fix-xahar minn meta ġie terminat il-kuntratt.

## Konsiderazzjonijiet Legali

Kif gia rilevat is-soċjetà konvenuta naqqset li tippresenta r-risposta taghha u kwindi l-istess socjeta’ għandha titqies li hi kontumaci skond il-liġi. In effett il-pretensjonijiet tal-attur bl-ebda mod ma gew kontradetti Inoltre anke t-talbiet tal-attur ma gewx kontradetti. Ghar-rigward tal-ewwel parti tal-ewwel talba, u ċioe fejn ir-rikorrent qiegħed jitlob dikjarazzjoni li hi dovuta lilu l-paga, l-manteniment u l-spejjeż għar-ritorn tiegħu. Dejjem ghar-rigward ta’ din it-talba, din giet ikkonfermata bil-gurament mir-rikorrenti u b’hekk jista jinghad li tirriżulta sufficjentement ippruvata. Konsegwentement din it-talba timmerita li tigi akkolta u

dan in linea mal-artikolu 130(1) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili li jipprovdi testwalment li "meta s-servizz ta' baħri jew ta' apprendist ta' bastiment Malti jispiċċa waqt li l-kuntratt għadu jseħħ b'xi mod li ma jkunx dak bil-kunsens tal-baħri li l-ingaġġ tiegħu jkun se jintemm, il-kaptan tal-bastiment għandu, barra milli jagħti ċ-ċertifikat ta' temm ta' ingaġġ skont dan l-Att u barra milli jħallas il-paga li l-baħri jew l-apprendist għandu dritt għaliha, jagħmel arranġamenti xierqa skont dan l-Att għall-manteniment u għar-ritorn tiegħu f'port ta' ritorn xieraq, u jekk is-servizz jispiċċa f'port li fih ikun hemm reġistratur jew uffiċjal konsulari ta' Malta, dak l-uffiċjal għandu jniżżel fuq il-kuntratt mal-ekwipaġġ tal-bastiment li minnu l-baħri jew l-apprendist jkun ser jitlaq il-partikolaritajiet dwar l-arranġamenti hekk magħmula."

Ghar-rigward ta' din l-istess parti tat-talba tar-rikorrenti huwa kkonferma li l-paga dovuta lilu u l-obbligu tas-socjeta' konvenuta ghal-manteniment u r-ritorn jammontaw għal sbatax-il elf, mija u dsatax-il dollaru Amerikan jew tnax-il elf, mitejn u erbgħa u disgħin euro u għaxar ċenteżmi (€12294.10). Fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta u bit-talba ġuramentata, dan l-ammont jirriżulta ippruvat u allura in linea mal-artikolu tal-liġi fuq ċitat, l-istess ammont hu dovut mis-soċjetà konvenuta lir-rikorrent.

Fir-rikors guramentat ir-rikorrent jippretendi ukoll li hi dovuta lilu l-paga sakemm tiġi definittivament riżolta il-presenti kwestjoni. L-imsemmi artikolu 131 jistipula illi "Il-paga kollha li għaliha baħri jkollu dritt, suġġetta għal dak it-tnaqqis magħmul skont dan l-Att, għandha titħallas meta jew qabel ma l-baħri jħalli leġittimament il-bastiment meta jispiċċa l-ingaġġ tiegħu; fil-każ li l-paga ta' baħri jew parti minnha ma tiġix hekk imħallsa, allura, kemm-il darba d-dewmien ma jkunx dovut għal att jew nuqqas tal-baħri jew minħabba xi kwistjoni raġonevoli dwar responsabbiltà jew minħabba xi raġuni oħra li ma tkunx l-att jew in-nuqqas ħażin tas-sid jew tal-kaptan, il-paga tal-baħri tibqa' għaddejja u jkollha titħallas sakemm tinqata' għal kollox il-kwistjoni. In effett ma jirriżultax meta ezattament sehhet it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-socjeta'

konvenuta. Mill-imsemmija nota li ghaliha hemm referenza a fol.34 wiehed jista jiddeduci li l-impjieg tar-rikorrenti ġie terminat f'Ottubru 2009, u dan peress illi l-istess nota hi datata Ottubru 2011 u fiha hemm referenza ghat-terminazzjoni tal-impjieg sentejn qabel.

Peress li l-paga tar-rikorrent ma tħallsitx, u peress li ma jirrizulta ebda nuqqas li jista jigi attribwit lir-rikorrenti għaliex dan il-ħlas ma sarx, kwindi ghandu jigi applikat l-imsemmi artikolu tal-liġi u kwindi ukoll il-paga tar-rikorrent għandha tibqa' għaddejja sal-ġurnata tal-presenti sentenza jew ahjar it-12 ta' Ottubru 2012. Jirrizulta li dan jammonta ghal $5000 (hamest elef dollaru amerikan) fix-xahar minn Ottubru 2009 sa' Ottubru 2012 u ċioe 36 xahar, li jammontaw għal $180,000 dollaru amerikan, ekwivalenti għal euro mija u disgha u tletin elf u sittin u tnejn u sittin centezmi (€139,060.62). Kwindi t-total tas-somma li għandu jieħu r-rikorrent minnghand is-socjeta' konvenuta hu ta' euro mija u wiehed u hamsin elf tlett mija u erba u hamsin u tnejn u sebghin centezmi (€151354.72)

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tar-rikorrenti u tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hi debitrici tar-rikorrenti l-kaptan Ruslan Zaynigabdinov f'arretrati ta' paga, manteniment u spejjez ghat-trasport u ghar-ritorn tieghu u paga dovuta sakemm il-kwistjoni bejn il-kontendenti giet rizolta u b'hekk tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lir-rikorrenti l-ammont kumplessiv ta' euro mija u wiehed u hamsin elf tlett mija u erba u hamsin u tnejn u sebghin centezmi (€151354.72) u dan bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' meta l-varji ammonti kienu dovuti sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha jithallsu mis-socjeta kovenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------